MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 177/2008

**Alexandra Balzan Ruggier (K.I. 418569M)**

***kontra***

**Amadeo Balzan (K.I. 98162M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fid-19 ta' Frar 2008 li jaqra hekk -

*1. Illi r-rikorrenti hija wahda mit-tlett azzjonisti tas-socjeta' Central Holdays (Travel & Tourism) Limited (C8035) [aktar 'l isfel imsejha "s-Socjeta'"] u ghandha partecipazzjoni komplessiva ta' disa' u erbghin punt sitta u disghin fil-mija (49.96%) tal-ishma kollha fis-Socjeta' kif jirrizulta mill-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta' [hawn anness u mmarkat DOK A] ;*

*2. Illi inoltre r-rikorrenti hija wahda miz-zewg diretturi appuntati fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta' skond l-istess Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta' [DOK A] ;*

*3. Illi l-intimat huwa d-direttur l-iehor appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta' ;*

*4. Illi ai termini tal-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta' l-amministrazzjoni tas-Socjeta' hija vestita fil-Bord tad-Diretturi (ara Klawsola Numru 10 tal-Istatut) liema Bord illum jinsab kompost mir-rikorrenti u mill-intimat kif spjegat aktar 'il fuq ;*

*5. Illi l-intimat ilu ghal diversi xhur jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti b'agir abbusiv u llegali fil-konfront taghha bhala direttrici tas-Socjeta' u dan billi –*

*(a) it-tmexxija tas-Socjeta' mhijiex qed issir ai termini tal-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta', tant illi minkejja ghall-insistenza tar-rikorrenti mhumiex qeghdin isiru laqghat tad-diretturi, bil-konsegwenza illi l-operazzjonijiet tas-socjeta' qeghdin isiru minghajr l-awtorizzazzjoni jew approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi. Presentement l-intimat qieghed abuzivament imexxi s-Socjeta' unilateralment minghajr l-ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti li qed tigi negata d-dritt li tmexxi u tamministra s-Socjeta' flimkien mal-intimat tramite l-Bord tad-Diretturi ;*

*(b) Per di piu' konsegwenza tal-agir abbuziv tal-intimat, ir-rikorrenti qed tigi michuda milli taccedi ghall-kotba u ghad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jikkoncernaw l-operazzjonijiet kummercjali tas-Socjeta' fosthom l-accounts u l-korrispondenza relattiva ;*

*6. Illi inoltre sabiex l-intimat zgur icahhad lir-rikorrenti minn dawn id-drittijiet taghha huwa qieghed sahansitra abbuzivament jimpedieha milli taccedi ghall-ufficcju registrat tas-Socjeta' fejn jinsabu l-kotba, dokumentazzjoni u informazzjoni ohra li jikkoncernaw is-Socjeta' ;*

*7. Illi r-rikorrenti nterpellat lill-intimat permezz ta' ittra datata 2 ta' Jannar 2008 sabiex fost l-ohrajn jipprovdilha*

*kopja tac-cwievet tal-fond 113, St. George’s Road, San Giljan (fejn jinsab l-ufficcju registrat tas-Socjeta’), kopja ta’ kull korrispondenza u dokumentazzjoni li ghandhom x’jaqsmu mas-Socjeta’ u rendikont dettaljat u komplut tal-operazzjonijiet u tal-finanzi tas-Socjeta’ sabiex r-rikorrenti tkun tista’ tevalwa bir-reqqa l-operazzjonijiet tal-istess Socjeta’ (l-ittra hija hawn annessa u mmarkata DOK B) ;*

*8. Illi minkejja tali interpellazzjoni, ir-rikorrenti ma rcevietx risposta minghand l-intimat u naturalment ma gietx mghoddija la kopja u anqas access ghall-informazzjoni rikjesta ;*

*9. Illi ghalhekk minhabba dan l-agir abbusiv u llegali tal-intimat, fil-prezent r-rikorrenti qed tigi mcahhda milli tezercita d-drittijiet taghha ta’ direttrici tas-Socjeta’ u fic-cirkostanzi tista’ biss tirrikorri permezz ta’ rikors guramentat de quo sabiex jitharsu l-interessi u d-drittijiet taghha bhala tali ;*

*Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti –*

*1. Tiddikjara illi l-agir tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti kif hawn fuq premess huwa abbuziv u qed jippregudika d-drittijiet taghha bhala direttrici tas-Socjeta’ ;*

*2. Tipprojbixxi lill-intimat milli jiehu aktar decizjonijiet dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-Socjeta’ minghajr l-involviment shih tar-rikorrenti bhala direttrici tal-istess ;*

*3. Tordna lill-intimat jaghti lir-rikorrenti access liberu ghall-kotba u d-dokumenti kollha tas-Socjeta’ inkluz il-kotba tal-kontijiet, korrispondenza u dokumentazzjoni ohra relattiva ghall-operazzjonijiet tas-Socjeta’ u dan f’perijodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jaghgobha tiffissa ghal dan il-ghan ;*

*4. Tordna lill-intimat illi jaghti lir-rikorrenti rendikont shih tal-operazzjonijiet tas-Socjeta’ u informazzjoni dettaljata dwar il-finanzi tas-Socjeta’ mill-1 ta’ Mejju 2007 ‘il hawn u*

*dan f'perijodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mir-rikorrenti flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-intimat presentata fit-<u>13 ta' Marzu 2008</u> li taqra hekk -

*1. Preliminarjament illi r-rikors guramentat promotur huwa null stante li huwa neboluz u ma jindikax b'mod car u sewwa l-oggett u t-tip tal-kawza esperita u r-ragunijiet tat-talba u kwindi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi minn dan il-lat l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car u univoku taht liema artikolu tal-ligi hija qeghda tibbaza l-kawza taghha. Ghal dan il-ghan l-eccipjenti qieghed izomm ferm id-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jigi indikat lilu tali artikolu u/jew artikoli tal-ligi.*

*2. Preliminarjament ukoll u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-attrici fil-kwalita' taghha premessa m'ghandha assolutament ebda interess guridiku biex tippromwovi l-kawza de quo stante li jekk hemm lok ta' azzjoni kontra wiehed mid-diretturi, din tispetta lill-kumpannija per se mhux lill-attrici.*

*3. Illi fil-mertu u bla ebda pregudizzju ghas-suespost il-kawza de quo hija nsostenibbli u t-talbiet bla bazi inter alia peress illi –*

*(i) Direttur m'ghandux bzonn jikkonsulta ruhu ma' hadd ghall-operat tal-kumpannija u dan johrog kemm mill-Companies Act kif ukoll mill-Artikolu 9 tal-Memorandum ;*

*(ii) Di piu', l-intimat huwa l-managing director tal-kumpannija u allura aktar m'ghandux bzonn jikkonsulta ruhu mal-attrici ghall-operat tal-kumpannija (vide artikoli 16 u 17 tal-Articles of Association) ;*

*(iii) Kwantu ghall-allegazzjoni li l-attrici qeghda tigi negata access ghall-kotba u ghall-ufficcju tal-kumpannija dan ma hu veru assolutament xejn u anzi jigi rilevat illi wara assenza ta' snin shah mill-ufficini tal-kumpannija kienet l-attrici stess illi dahlet fl-ufficcju tal-kumpannija u arbitrarjament u llegalment hadet flus u dokumenti tal-kumpannija oltre li ghamlet hafna hsara fl-istess ufficcju ;*

*(iv) Kwantu ghat-talba li l-intimat ghandu jigi pprojbit milli jiehu aktar decizjonijiet din hija assolutament bla ebda bazi peress illi semmai hija mertu li ghandu jigi ndirizzat bi proceduri ohra mhux bil-kawza de quo.*

*4. Illi fl-ahhar nett, it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li inter alia l-intimat ma hu qed jirreka l-ebda pregudizzju lill-attrici u lanqas lill-kumpannija, u in ogni kaz rigward it-talba tal-attrici sabiex l-intimat jibghat l-istatement of affairs tal-kumpannija din hija infondata peress illi l-attrici nnfisha qua direttur tal-istess kumpannija ghandha kull dritt taccedi fl-ufficini taghha u tispezzjona hi personalment tali dokumenti.*

*5. Illi ghalhekk : (a) kwantu ghall-ewwel talba attrici m'hemmx lok ghal dikjarazzjoni mitluba stante li l-konvenut mhux qed jimxi b'mod abbusiv u ma hu qed jippregudika lil hadd ; (b) kwantu ghat-tieni talba din hija wkoll infondata peress li hi mertu semmai ta' proceduri ohra kontemplati mil-ligi ; u (c) kwantu ghat-tielet u r-raba' talbiet m'hemmx ukoll lok li dawn jintlaqghu peress illi l-attrici stess ghandha kull dritt tispezzjona d-dokumenti tal-kumpannija u tara l-operazzjonijiet tal-kumpannija hi stess kif hawn fuq spjegat.*

*6. Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri, wara li l-attrici tiddikjara taht liema artikolu tal-ligi qeghda tippromwovi l-azzjoni taghha.*

*Bl-ispejjez kollha u bir-riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond il-ligi kontra l-istess attrici.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-intimat.

**Rat** is-sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali, u halliet il-kawza sabiex tkompli tinstema' kif attwalment presjeduta.

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' April 2009, id-difensur tar-rikorrenti aderixxa mal-verbal li kien sar mid-difensur tal-intimat fl-udjenza tas-7 ta' April 2009 fis-sens li tigi trattata u deciza t-tieni eccezzjoni tal-intimat.

**Rat** in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti moghti fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2009 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

L-eccezzjoni in kwistjoni taqra hekk –

*Preliminarjament ukoll u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-attrici fil-kwalita' taghha premessa m'ghandha assolutament ebda interess guridiku biex tippromwovi l-kawza de quo stante li jekk hemm lok ta' azzjoni kontra wiehed mid-diretturi, din tispetta lill-kumpannija per se mhux lill-attrici.*

L-istanza tar-rikorrenti hija kjarament intiza sabiex ticcensura u titlob rimedji kontra l-imgieba allegatament abbusiva tal-intimat *qua* direttur tal-kumpannija Central Holidays (Travel & Tourism) Limited.

Eccezzjoni simili f'sitwazzjoni ta' fatt li tixbah dik tal-lum kienet inghatat mill-konvenut fil-kawza **"Michael J. Falla vs John H. Sorotos"** li kienet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Jannar 1968 u mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu 1976.

**Ghalkemm dak iz-zmien kien fis-sehh il-Kap.168 mhux il-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta vigenti llum, il-principji**

**li jduru mal-kaz tal-lum baqghu komuni ghaz-zewg ligijiet, u allura applikabbli bl-istess mod anke llum**.

F'dak il-kaz, l-attur li kien azzjonista ta' kumpannija u allega li l-konvenut qua direttur tal-kumpannija kien kiser l-obbligi tieghu f'ghadd ta' sitwazzjonijiet. (Kif sar fil-kaz tal-lum) il-konvenut eccepixxa *inter alia* li l-attur ma kienx il-persuna li kellu jistitwixxi dik it-tip ta' azzjoni ghax ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur liema relazzjoni kellu biss mal-kumpannija. Kien deciz li fir-relazzjonijiet interni tieghu mal-kumpannija, direttur huwa meqjus bhala mandatarju taghha u f'kaz ta' vjolazzjoni tal-obbligi tieghu *qua* direttur huwa responsabbli versu l-kumpannija. Ghalhekk azzjoni kontra direttur fondata fuq allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dmirijiet *qua* direttur hija ezercibbli mill-kumpannija. **F'dak il-kaz pero' il-Qorti tal-Appell sabet li jekk jirrizultaw pruvati l-allegazzjonijiet tal-attur huwa kien se jgarrab pregudizzju personali distint mill-kumpannija. Ghalhekk kien deciz li l-attur kellu kull jedd jistitwixxi l-kawza ghax kien legittimu kontradittur**.

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt mhux kontestat li r-rikorrenti mhux biss hija direttur izda anke azzjonista tal-kumpannija in kwistjoni, u ghaldaqstant ghandha kull jedd tesigi li, jekk jirrizulta pruvat [fi stadju ulterjuri] li ghandha ragun, tinghata rimedju kontra l-agir ta' intimat.

Ghalhekk din il-Qorti tafferma li r-rikorrenti ghandha l-interess rikjest mil-ligi sabiex tistitwixxi din il-kawza (ara – **"Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** – PA/JRM – 18 ta' Jannar 2001 ; **"Fenech Adami vs Abela"** (Vol.LXXXIII.II.331) ; **"Baldacchino vs Bellizzi"** – (Vol.XXXVI.II.493) ; u **"Eminyan vs Mousu`"** Vol.LXXI.II.429).

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat.**

**L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Thalli l-kawza ghall-provi tar-rikorrenti fil-mertu ghall-udjenza tat-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fil-11:00a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------